MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 236/2009

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Brian Bondin**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' tlett mija u tmienja u sebghin Euro u erbghin centezmu (€378.40), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond '*Client Contract Number'* 371982 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-Att, dawk tal-ittra ufficjali lil Banek relattivi ghall-

imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.
Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta, ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat kapitolu fl-4 ta' Mejju, 2009 mill-Prokuratur Legali Peter Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont` il-Ligi kif mitluba.

**Avv. Dr.Maria Karlsson**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------